# Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

The Novels for Youth Literary Contest

aġenzija żgħażagħ

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

The Novels for Youth Literary Contest

Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ huwa konkors li jsir bi sħab bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) u Aġenzija Żgħażagħ. L-għan tal-konkors huwa li jintgħażlu, jiġu ppremjati u ppubblikati rumanzi bil-Malti miktubin apposta għaż-żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-18-il sena li jesploraw id-dinja tagħhom tal-lum, b'dak kollu li din il-fażi tal-ħajja ġġib magħha.

B'hekk l-organizzaturi jittamaw li jiżdiedu aktar kotba f'dan il-ġeneru u ż-żgħażagħ jsibu qari bil-Malti li jinteressahom u jimmotivahom. Permezz ta' dan il-konkors, l-organizzaturi jaspiraw li l-manuskritti sottomessi jkunu tal-ogħla livell letterarju.

Dawn il-linji gwida għandhom jgħinu lill-applikant biex:

1. Isir jaf iktar dwar il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ 2024.
2. Isir jaf jekk huwiex eleġibbli biex japplika.
3. Isir jaf x'inhuma l-kriterji li jrid iżomm f'moħħu meta jissottometti manuskritt għal dan il-konkors.
4. Isir jaf x'inhuma t-termini li għandu bżonn ikun jaf qabel ma jissottometti l-manuskritt tiegħu.

## a) L-għanijiet

L-għanijiet ta' dan il-konkors ta' kitba huma:

1. Li titqajjem kuxjenza dwar il-letteratura għaż-żgħażagħ
2. Li l-awturi jissottomettu rumanzi oriġinali, innovattivi u bla ebda mod didattiċi u moraleġġjanti għaż-żgħażagħ
3. Biex iż-żgħażagħ ikollhom iktar kotba adattati għalihom li jistimulawhom u joffrulhom esperjenza sabiħa u ġdida ta' qari.

## b) Id-definizzjonijiet

Għall-konfini ta' dawn il-linji gwida, it-termini użati jfissru hekk:

- **Applikant**
  L-Applikant jista' jkun individwu jew grupp ta' tnejn (jew iktar) min-nies. L-applikant irid ikollu ħakma tajba tal-lingwa Maltija u jissottometti l-manuskritti tiegħu bil-Malti.

- **Applikazzjoni**
  L-Applikazzjoni hija l-formola li l-Applikant irid jimla u li magħha jrid jehmeż id-dokumenti kollha meħtieġa. Jekk l-Applikazzjoni ma tkunx kompluta u sottomessa fil-ħin, ma tkunx eliġibbli.

- **Eliġibbli**
  L-Applikant ikun eliġibbli jekk ikollu 20 sena jew iktar u jekk jissottometti d-dokumenti kollha meħtieġa lill-Aġenżija Żgħażagħ. L-Applikazzjoni tgħaddi għand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u dan jara jekk hix eliġibbli. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx eliġibbli ma tgħaddix għand l-evalwaturi u għaldaqstant l-Applikant jiġi mgħarraf minnufih. Anki jekk l-Applikazzjoni tgħaddi għand il-ġurija u din tara li l-Manuskritt fih ammont kbir ta' żbalji ortografiċi, din ma tibqax eliġibbli.

- **Evalwatur**
  Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jaħtar tliet Evalwaturi biex jevalwaw ix-xogħol sottomess. Kull Evalwatur jevalwa x-xogħol sottomess b'mod indipendenti u billi jsegwi l-Kriterji tal-Evalwazzjoni mogħtija mill-Kunsill. It-tliet Evalwaturi mbagħad jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu l-Evalwazzjoni tagħhom dwar il-Manuskritt. Waqt din id-diskussjoni jkun hemm dak li jkun qed jimmaniġġja l-Konkors mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li jmexxi d-diskussjoni u jara li l-Evalwaturi qed jiddiskutu b'mod ġust. L-impjegat tal-KNK m'għandux dritt għall-vot. Xogħlu huwa li jimmodera u li jħejji rapport mid-diskussjoni dwar kull xogħol sottomess. Dan ir-rapport imbagħad għandu jintbagħat lill-Applikant.

- **Evalwazzjoni**
  Kull Applikazzjoni eliġibbli tgħaddi għall-Evalwazzjoni, li hija msejsa fuq numru ta' kriterji li qegħdin f'dawn il-linji gwida.

- **Kriterji tal-Evalwazzjoni**
  Il-Kriterji tal-Evalwazzjoni jingħataw lil kull Evalwatur biex jimxi fuqhom meta jkun qed jevalwa l-Manuskritt.

- **Letteratura għaż-Żgħażagħ**
  B'Letteratura għaż-Żgħażagħ qed nifhmu li l-Manuskritt ikun immirat lejn żgħażagħ li għandhom bejn it-13 u t-18-il sena.

- **Linji Gwida**
  Il-Linji Gwida jgħinu lill-Applikant biex japplika u jieħu sehem f'dan il-konkors.

- **Manuskritt**
  Il-Manuskritt għandu jkun rumanz oriġinali ta' bejn 20,000 u 25,000 kelma adattat għaż-żgħażagħ. Il-Manuskritt għandu jkollu fuqu psewdonimu u mhux l-isem tal-Applikant.

- **Psewdonimu**
  Kull Applikant għandu jkollu wkoll psewdonimu li juża lilu flok ismu proprju kemm fuq il-Manuskritt kif ukoll fuq is-sinopsi.

- **Oriġinali**
  Manuskritt Oriġinali huwa Manuskritt innovattiv, frisk u mhux ikkuppjat.

- **Rapport**
  Ir-Rapport jinkiteb dwar kull ktieb bi qbil bejn l-Evalwaturi. Dan jintbagħat lil kull Applikant li jieħu sehem f'dan il-Konkors.

- **Sinopsi**
  Is-Sinopsi hija deskrizzjoni ta' mhux aktar minn 500 kelma dwar il-Manuskritt sottomess. F'din is-sinopsi l-Applikant irid iniżżel għaliex qed jissottometti x-xogħol tiegħu, dwar xiex inhu, x'nebbħu biex jiktbu u għaliex jaħseb li għandu jolqot liż-żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-18-il sena.

- **Żgħażagħ**
  Bit-terminu Żgħażagħ qed nifhmu persuni li għandhom bejn it-13 u t-18-il sena.

## ċ) X'għandek bżonn biex tieħu sehem f'dan il-konkors

Mal-manuskritt l-applikant għandu jissottometti sinopsi qasira ta' mhux aktar minn 500 kelma u fiha jiġġustifika għaliex kiteb dak li kiteb, dwar xiex inhu, x'nebbħu biex kitbu u għaliex jaħseb li l-manuskritt huwa addattat għaż-żgħażagħ.

Biex applikant ikun eliġibbli irid jara li għandu dawn l-affarijiet kollha:

1. Karta tal-Applikazzjoni. Irid ikollu kopja waħda bil-firma oriġinali;
2. Fotokopja tal-Karta tal-Identità (kopja waħda mehmuża mal-karta tal-applikazzjoni);
3. Sinopsi (3 kopji bil-psewdonimu);
4. Il-Manuskritt (3 kopji mitbugħa bil-psewdonimu u kopja fuq *pendrive* bil-psewdonimu).

L-applikazzjoni ma tkunx eliġibbli jekk:

1. Tiddaħħal wara 12 pm (nofsinhar) tat-Tnejn 2 ta' Settembru 2024;
2. Ma jkunx hemm id-dokumenti kollha;
3. Ma jkunx xogħol oriġinali;
4. Skont il-ġurija l-manuskritt ikollu wisq żbalji ortografiċi.

## d) Min jirbaħ dan il-konkors

Dan il-konkors għandu jrebbaħ lill-aħjar manuskritt sottomess. Il-kittieb/a rebbieħa t/jingħata €1000, ċertifikat u trofew kommemorattiv.

Il-ktieb rebbieħ jiġi ppubblikat minn pubblikatur identifikat mill-awtur rebbieħ u jitqassam fil-ħwienet ewlenin. Il-kittieb huwa marbut li jagħmel minn 3 sa 5 qarjiet maż-żgħażagħ meta l-ktieb tiegħu jiġi ppubblikat.

## e) Il-Kriterji tal-Evalwazzjoni

Il-manuskritt rebbieħ għandu jkun manuskritt ta' kwalità letterarja għolja ħafna. Ir-rumanz għandu jipprovdi mhux biss gost lill-qarrej imma esperjenza letterarja li ma tintesiex. Filwaqt li r-rumanz m'għandux jieħu sura

ta' prietka jew lezzjoni, l-esperjenza għandha tmiss id-dinja taż-żgħażagħ u allura fiha tista' tinkludi l-ferħ u/jew il-weġgħat taż-żgħażagħ; l-avventuri u/jew il-biżgħat; l-ansjetà u/jew il-fantasija, biex insemmu biss uħud. Kull applikant eleġibbli se jiġi evalwat fuq dawn il-kriterji: l-iżvilupp, l-oriġinalità u l-kreattività, l-lingwaġġ u l-kwalità.

1. L-Iżvilupp
2. L-oriġinalità u l-kreattività
3. Il-lingwaġġ
4. Il-kwalità

1. **L-Iżvilupp**
   - In-nisġa: kemm hemm plott koerenti f'dan ir-rumanz u allura kemm tista' tgħid li n-narrazzjoni ssegwi? Kemm hi kredibbli n-nisġa fid-dinja tar-rumanz? F'każ li m'għandekx plott, hemm elementi oħra li r-rumanz iżommuh sħiħ u mhux disġunt?
   - Il-karattri: kemm għandek karattri kredibbli? Kemm iġegħluk tirrelata magħhom, tempatizza magħhom, temminhom, tħobbhom, tobgħodhom? Kemm huma żviluppati u kemm jgħinu biex in-nisġa ssegwi?
   - Iż-żmien: Kemm għandu kontroll tal-ħin l-awtur? Kemm taħseb li ż-żmien narrattiv u r-ritmu huma addattati u jmorru id f'id mat-tema u n-nisġa tar-rumanz?

2. **L-Oriġinalità u l-Kreattività**
   - It-temi: Kemm taħseb li dan huwa rumanz li jmiss ma' temi li ż-żgħażagħ jistumulawlhom l-interessi tagħhhom?
   - L-istil: l-istil huwa addattat għat-temi li jittratta? Kemm huwa stil avventuruż? Kemm huwa stil li juża mekkaniżmi letterarji bħal ngħidu aħna: il-prolessi, l-analessi, l-istorja fi storja, eċċ.
   - L-innovazzjoni: Kemm taħseb li fl-aħħar mill-aħħar huwa innovattiv dan ir-rumanz?

3. **Il-Lingwaġġ**
   - Il-letterarjetà: Kemm taħseb li f'dan ir-rumanz hemm użu ta' mekkaniżmi letterarji li huma xhieda tal-kapaċità tal-awtur?
   - Il-lingwaġġ: Kemm huwa lingwaġġ mirqum b'metafori friski, similitudnijiet, xbihat u immaġnijiet oriġinali?
   - Id-djalogar: Kemm taħseb li huwa djalogar addattat mat-temi u l-karattri li qed jittratta r-rumanz?

4. **Il-kwalità**
   - Dan ir-rumanz jagħti lill-udjenza li huwa miktub għaliha esperjenza li tibqa'? Huwa rumanz li ma jippritkax, ma jintimidax, ma jridx jgħallem, imma jrid biss jagħti esperjenza sabiħa ta' qari li ma tintesiex?

L-applikazzjoni trid tasal għand Aġenzija Żgħażagħ sa **12pm (nofsinhar) ta' did-data: it-Tnejn 2 ta' Settembru 2024**.

L-applikant irid jibgħat 3 kopji mitbugħa tal-manuskritt kif ukoll kopja diġitali fuq *pendrive* flimkien mas-sinopsi u l-applikazzjoni fl-indirizz t'hawn taħt:

L-applikazzjoni, ipprintjata u ffirmata, trid tinthemeż mal-manuskritt mitbugħ u titħalla għand Aġenzija Żgħażagħ.

L-Indirizz: **Maria C. Borg,**
**Aġenzija Żgħażagħ,**
**Triq il-Kbira San Ġużepp,**
**Santa Venera SVR 1013.**

**Aġenzija Żgħażagħ**
St Joseph High Road
St Venera SVR 1013, Malta
Tel: 00356 2258 6700
Email: agenzija.zghazagh@gov.mt

**youth.gov.mt**